# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Roderick Spiteri)

Vs

Luke Mihalic

Seduta tad-Distrett Naxxar

Illum, 28 ta’ Settembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Luke Mihalic (I.D. 363094 M), 25 sena, iben Steven u Sharon Micallef, mwieled Pieta fil-20.08.1994, u residenti gewwa Blk 4, Flat 10, Triq Gilibta’, Naxxar akkuzat talli fid-29 ta’ April 2020 gewwa dawn il-gzejjer Maltin

1) Permezz ta' xi network jew appartat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih.
2) Aktar talli uzajt kliem jew imgieba ta' theddid, abbusiv jew insolenti, jew ezebixxejt xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbusiv, jew insolenti jew xort' ohra gibt ruhek b' dan il-mod, bil-hsieb li b' hekk tqajjem mibgheda jew vjolenza razzjali jew religjuza kontra xi persuna ohra jew grupp ta' persuni fuq bazi ta' generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra, jew b' hekk johloq il-probabbilta' li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali jew religjuza.
3) U aktar talli kont qieghed tiddiskrimina ma' persuna ohra minhabba dizabilta' meta assoggettajt lil dik il-persuna l-ohra ghal fastidju f' xi cirkostanza rilevanti ghal finijiet ta' kull dispozizzjoni ta' dan l-Att.

Wara li rat li fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2020 l-imputat minkejja li debitament notifikat ma dehrx. Il-Qorti sabet lil imputat hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' taghha, tikkundannah multa ta' € 100 u tordna l-hrug ta' mandat t' arrest fil-konfront tieghu ghas-seduta li jmiss;

Wara li rat li fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 l-imputat assisti wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet. L-ufficjal prosekutur pprezenta okkorrenza Dok RS 1 u kopja tal-*pos*t fuq Facebook mertu tal-kaz RS 2;

Wara li rat li fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 Dr Andrew Saliba ghall-imputat jiddikjara illi l-imputat qed jaccetta li -post ezebita ippublikaha hu fuq is-sit ta' Facebook fi group partikolari u ghalhekk qed jezenta lil Prosekuzzjoni milli ggib il-prova li l-imputat ippubblika dik il-post;

Wara li rat l-affidavit ta' PC 176, S Vassallo anness mac-citazzjoni, wara li rat ix-xhieda taht gurament quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta ta' Oliver Scicluna fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021, ta' Jason Gilson fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021.

Wara li rat li fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 il-prosekuzzjoni dikjarat li m' ghandiex aktar provi xi tressaq;

Wara li rat li fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 l-imputat ghazel li ma jixhidx u iddikjara li ma ghandux aktar provi xi jressaq.

Wara li rat li fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2023 wara li din il-kawza giet assenjata lil dina l-Qorti kif preseduta l-partijiet debitament assistiti ezentaw lil Qorti milli tisma' l-provi mill-bidu

Wara li rat in-nota ta' sottmossjonnijet tal-partijiet;

Wara li rat l-artikoli Art 49 (c) Kap. 399, Art 82 A 533 Kap.9, Art 5, Sub 2 Kap. 413;

Wara li rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza titratta post fuq Facebook ippostjat mill-imputat fuq is-sit *"Uncensored Jokes Malta"* li tikkonsisti fi stampa ta' guvni mhux identifikat li ghandu s-Sindromu ta' Down f' ambjent ta' ufficju bil-*caption "Website is Down" "Oooh, me too!"*

Ir-rapport lill-Pulizija sar minn Jason Gilson li kien inkarigat jaghmel rapport mis-Sur Oliver Scicluna li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Kummissarju fi hdan il-Kummissjoni ta' Persuni b' Dizabilta.

**Provi mressqa mill-prosekuzzjoni**

<u>Provi Dokumentarji</u>

Fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 l-Ispettur Roderick Spiteriipprezenta kopja tar-Rapport NPS 8/R/1638/2020 datat 30 ta' April 2020 flimkien screen shot tal-post fuq Facebook mertu ta' dawn il-proceduri flimkien ma' kummenti taht il-post.

<u>Xhieda</u>

**PC 176 S Vassallo** xehedet permezz ta' affidavit datat 20 ta' Mejju 2020. Tixhed li l-kwerelant, Jason Gilson, irrikorra gewwa l-ghassa ta' Birkirkara nhar it-30 ta' April 2020 fejn dan stqarr li nhar it-30 ta' Marzu 2020, ircieva telefonata minghand il-Kummissarju Oliver Scicluna fejn dan gibidlu l-attenzjoni fuq post li saret fuq Facebook, imtella minn certu Luk Mihalic fuq grupp 'Uncensored Jokes Malta'. Gie mitkellem Luke Mihalic l-ghassa nhar it-08 ta' Mejju 2020 ghal habta ta' 12:01 hrs fejn dan gie moghti d-drittijiet mehtiega tieghu tkellem ma certu Dr Andrew.

Luke Mihalic gie moghti dritt li jekk irid jista' ma jirrispondiex ghad-domandi li se jsirulu.

Luke Mihalic I.D. Card 036094 M. stqarr li hemm din il-pagna fejn jaccettaw certu cajt bhal cajt fuq ir-religjon, fuq is-sess u cajt fuq kollox u qatt ma kien hemm regola qabel ta' x' cajt setghu jitfaw. Luke stqarr li ghamilha bi skop ta' cajta u mhux biex iwegga' lin-nies.

**Oliver Scicluna** li kien jokkupa l-kariga ta' Kummissarju fi hdan il-Kummissjoni ghad-Drittijiet ta' Persuni b' Dizabilta' xehed fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021.

Fuq il-meme li kien hemm fuq *social media*. Jixhed

> Xhud: L-istess meme kienet tirredikola fl-opinjoni tieghi persuni b' dizabilta' fost l-ohrajn persuni bid-downs b' mod generali ovvjament. Hassejt li fil-pozizzjoni tieghi ta' Kummissarju li jien obbligat li nhares id-drittijiet tal-persuni b' dizabilta' ghandi naghmel rapport."
>
> Jikkonferma li l-post huwa dak ezebit Dok RS 2.
>
> Dan il-post kien gie ippostjajt f' April 2020
>
> "Pros: All right u inti barra li hassejt li inti ghax inti l-Kummissarju kien hemm xi haga ohra? Ircevejt xi haga ohra?
>
> Xhud: ehe fost l-ohrajn ghamlu kuntatt mieghi certu genituri li ghandhom it-tfal bid-down's kif ukoll l-ghaqda li tirrapprezenta l-persuni down syndrome.

Pros: u x' kien l-animu taghhom?

. . . . omissis . .

Xhud: Huma hassewhom li din il-meme qed tohloq disprezz u qed tohloq stampa hazina tal-persuni b' dizabilta'. . . . omissis … "

Dan il-meme partikolari seta' jigi shared.

In kontro-ezami jikkonferma li dan il-post ma gie identifikat hadd partikolari. "kien qed jipponta biss lejn persuni down syndrome b' mod generali."

Dif: ok u naqblu li din il-post ma kienitx fuq is-sit ta' Facebook b' mod pubbliku izda kienet go cajta, go page li hija apposta ghal cajt goff naqblu?

Xhud: kienet ghalkemm lili ma wasslitliex minn hemm waslitli minn sors iehor.

Dif: Minn fejn sorry?

Xhud: Waslitli bhala screenshot ghax jiena mhux qieghed f' dan il-grupp.."

Ix-xhud ma ma jiftakarx min ghaddielu.

**Jason Gilson**, xehed fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 li kien gie mitlub mill-Kummissarju Sur Oliver Scicluna jaghmel rapport il-pulzija. Is-screen shots mertu ta' dawn il-proceduri kien ghaddiehomlu d-direttur Dr Busuttil. Jikkonferma li screenshots huma dawk ezebiti fil-process.

**Ikkunsidrat**

<u>Permezz ta' l-ewwel imputazzjoni l-imputat</u> gie akkuzat li permezz ta' xi network jew appartat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih.

Illi d-difensur tal-imputat fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 iddikjara ghan-nom tal-imputat li l- -post ezebita ippublikaha hu fuq is-sit ta' Facebook fi group partikolari u ghalhekk qed jezenta lil Prosekuzzjoni milli ggib il-prova li l-imputat ippubblika dik il-post. Illi gie ghalhekk ipprovat li l-imputat huwa l-awtur tal-meme.

Illi huwa manifestament car mill-istampa / meme ippubblikata li l-imputat ried iwaqqa ghaz-zuffjett u jinsulenta kategorija tal-popolazzjoni li ghandha s-Sindromu ta' Down. Qed jigi

ikkunsidrat ukoll li l-fatt li dan gie ippubblikat fuq grupp fuq Facebook  "Uncensored Jokes Malta" ma jnehhi xejn mill-fatt li l-messagg li ried iwassal l-imputat huwa wiehed degenerattiv u uza network jew appartat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih.

Illi meta l-imputat minn rajh iddecieda li jettla dan il-post huwa kien jaf x' inhu jaghmel, kienet l-intenzjoni tieghu li jtella fuq mezzi socjali meme li tiridikola din il-kategorija ta' nies li jbghatu minn din id-dizabilta' partikolari u mhux biss iwaqqa ghaz-zufjett id-dizabilta' izda ukoll jitfa messagg lil pubbliku in generali li in-nies li ghandhom is-Sindromu ta' Down huma inferjuri u ma ghadhomx posthom fis-socjeta'. Il-Qorti bl ebda' mod ma tikkondividi dak li sottometta l-abbli difensur tal-imputat li huwa kaz ta' insensitivita' jew cajta goffa.  Bl-ebda' sforz tal-immaginazzjoni wiehed jista' jghid li din hija xi espressjoni parti minn espressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali. Il-Qorti tikkunsidra li l-meme huwa theddida ghal dawk il-persuni bis-sindromu ta' Down li huma integrati f' socjeta' li hija suppost wahda inklussiva.

Il-Qorti qed tiddeciedi li l-ewwel imputazzjoni hija ipprovata minghajr dubju dettat mir-raguni u li l-imputat huwa hati taht l-artikolu 49 (c ) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni,</u> u cioe' dak that l-artikolu 82 A tal-Kapitolu 9 il-Qorti qed tirrileva li dan l-artikolu gie emendat permezz ta' l-ATT Nru LXV tal-2021 fl ta' Dicembru, 2021. Kien permezz ta' dina l-emenda li giet inkluza f' dan ir-reat ghat-tixwiex ghal mibgheda il-kategorija ta' persuni b' dizabita'. Qabel din l-emenda ma kienx hemm referenza fil-ligi ghal dizabilta'.

Illi l-imputazzjonijiet jirreferu ghal akkuzi li sehhew fil-29 ta' April, 2020 u cioe' qabel mad-dhul fis-sehh tal-emenda. Il-Qorti hija ghalhekk marbuta mal-ligi relevanti fis-sena 2020 fejn it-tixwiex ghal mibgheda kontra nies b' dizabilta' ma kienitx ghadha fis-sehh u ghalhekk dan ir-reat f' dan il-kaz partijikolari ma jissusstitiex.

Ghal din ir-raguni t-tieni imputazzjoni ma gietx ipprovata.

Ikkunsidrat

<u>Illi f’ dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni</u> l-imputat gie akkuzat “talli kont qieghed tiddiskrimina ma’ persuna ohra minhabba dizabilta’ meta assoggettajt lil dik il-persuna l-ohra ghal fastidju f’ xi cirkostanza rilevanti ghal finijiet ta’ kull dispozizzjoni ta’ dan l-Att”. [Art 5, Sub 2 Kap. 413].

Illi kif xehed is-Sur Oliver Scicluna, il-Kummissjoni ghal Persuna b’ Dizabilta’ irceviet diversi rapporti minn persuni li hassewhom fastidjati b’ dan il-meme, skont ix-xhieda tieghu dawn kienu genituri ta’ persuni bis-Sindromu ta’ Down u l-ghaqda li tirraprezenta l-persuni bis-Sindromu ta’ Down. Il-Kummissjoni li tirrapprezenta dawn il-persuniipprosesegwiet billi taghmel ir-rapport.

Jinghad ukoll li sahansitra l-kummenti li jsegwu l-meme ippubblikat mill-imputat juru kemm kien hemm stmerrija ghas-suggett li ffastidja lil diversi persuni anki’ fl-ambitu tal-grupp ‘Uncensored Jokes Malta’. Il-fastidju sar kontra grupp ta’ persuni / komunita’ shiha ta’ persuni li ghandhom din id-dizabilta’.

Illi izda dan l-artikolu gie imhassar permezz tal-LIX 2021 u bhekk dan r-rejat ma ghadhux jissussisti.

Illi ghalhekk L-Qorti qed tastjeni milli teihu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imputazzjoni. ( The Rambler’s association vs David Lawrence Linsay 12/4/19 ).

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti wara li rat l-artikoli Art 49 (c) Kap. 399, Art 82 , 533 Kap.9, Art 5, Sub 2 Kap. 413 filwaqt li qed **tilliberah mit-tieni imputazzjoni u ma tiehuxaktar konjizzjoni ta t-tielet imputazzjoni** iqed issib lil iLuke Mihalic **hati tal-ewwel imputazzjoni** u tikkundannah ghaxart elef euro (10,000) multa.

Ma kien hemml-ebda esperti ai termini tal-att 533 tal-Kap 9 u u isegwi li ma hemmx somom li ghanhom jigu likwidati.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**